

Brussell, 28 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15361/22

JEUN 180
SOC 655
EDUC 409
GENDER 195
DIGIT 225

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġħ biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu li saret tat-28 u d-29 ta' Novembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġh biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI
MLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu LI:

1. L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ # 3 fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, intitolat "Soċjetajiet inklużivi", għandu l-għan li "jiġu pprovduti aktar spazji, opportunitajiet, riżorsi u programmi li jrawmu d-djalogu¹ u l-koeżjoni soċjali, u jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni" u l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ # 4 intitolat "Informazzjoni u djalogu kostruttiv" għandu l-għan li jiżgura li ż-żgħażaġh jinvolve ruħhom fi djalogu parteċipattiv u kostruttiv.
2. Filwaqt li tibni fuq il-possibbiltajiet eżistenti fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022) tirrikonoxxi l-ħtieġa li ż-żgħażaġh jingħataw is-setgħa u jiġu onorati, appoġġati u involuti biex jiġi żgurat li l-interessi u l-ħtiġijiet tagħhom jitqiesu kif xieraq f'azzjonijiet politiċi fl-oqsma ta' politika kollha². Id-dimensjoni interġenerazzjonali tal-politiki dwar iż-żgħażaġh turi li hija kruċjali għall-ksib tal-oġettivi tas-Sena u għall-iżgurar tal-wirt tagħha b'mod soċjalment koeżiv.

¹ Għall-finijiet ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, "djalogu" huwa mifhum li jfisser "djalogu interġenerazzjonali".

² Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), ĠU L 462/1.

3. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh għandha, fost affarijiet oħra, il-potenzjal li tgħin biex jiġu involuti iż-żgħażaġh bi sfondi u kondizzjonijiet tal-ġhajxien differenti, inkluż dawk b'inqas opportunitajiet, f'tipi differenti ta' proġetti u attivitajiet interġenerazzjonali u tista' sservi bħala strument siewi għall-promozzjoni tad-djalogu interġenerazzjonali, is-solidarjetà interġenerazzjonali u l-ekwiżità interġenerazzjonali kif ukoll għall-bini ta' relazzjonijiet pożittivi bejn persuni ta' ġenerazzjonijiet differenti.
4. Il-Kunsilli taż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-istrutturi tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, in-networks taż-żgħażaġh u l-gruppi mhux formali taż-żgħażaġh jista' jkollhom rwol importanti fil-promozzjoni tad-djalogu, l-ekwiżità u s-solidarjetà interġenerazzjonali. Bl-ġharfien espert³ u l-kompetenza tagħhom dwar iż-żgħażaġh huma joħolqu spazju għall-esperimentazzjoni u jistgħu jikkontribwixxu għall-iskoperta ta' soluzzjonijiet innovattivi u modi ta' kollaborazzjoni interġenerazzjonali.
5. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna - li kkawżat influss bla preċedent ta' refuġjati Ukreni fl-Ewropa fl-2022 - urew li l-voluntiera ta' kull età huma importanti għas-soċjetajiet fil-promozzjoni tar-reżiljenza tas-soċjetà fil-konfront ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi. Il-volontarjat taż-żgħażaġh fl-Istati Membri matul il-pandemija u l-influss ta' refuġjati wrew il-potenzjal tagħhom li jippromwovu s-solidarjetà interġenerazzjonali u joħolqu rabtiet interġenerazzjonali bejn iż-żgħażaġh u gruppi ta' età oħra⁴.
6. Il-volontarjat interġenerazzjonali jlaqqa' flimkien iż-żgħażaġh u l-persuni akbar fl-età f'attivitajiet, programmi u proġetti bi skop u ta' benefiċċju reċiproku li jippromwovu solidarjetà, fehim aktar profund u rispett bejn il-ġenerazzjonijiet, u jgħin biex jinbnew komunitajiet aktar koeżivi.

³ L-ġharfien espert dwar iż-żgħażaġh huwa mifhum li jfisser l-ġharfien taż-żgħażaġh dwar dak li raw jaħdem u jiffunzjona sew.

⁴ It-tweġibiet tal-Istati Membri fi kwestjonarji aġġornati perjodikament dwar il-miżuri adottati mill-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u iż-żgħażaġh matul il-pandemija tal-COVID-19 taħt il-presidenzi HR, DE, PT u SI.

7. Id-distakk diġitali juri inugwaljanza li ilha teżisti fl-iżvilupp tal-ħiliet u fl-għoti ta' aċċess għal teknoloġiji ġodda. Il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-Tixjiħ tagħraf li "l-investiment fil-ħiliet diġitali, l-iżvilupp tal-komunità u l-koeżjoni interġenerazzjonali jistgħu jipprevjenu d-deterjorament tas-saħħa u l-benessri mentali u jnaqqsu l-inugwaljanzi"⁵. Il-kondiviżjoni tal-ħiliet u l-għarfien diġitali hija qasam fejn iż-żgħażaġh jista' jkollhom rwol ewlieni u jistgħu jgħinu biex jinholq sens aktar b'saħħtu ta' konnessjoni interġenerazzjonali ma' persuni akbar minnhom⁶.
8. Il-programmi u l-inizjattivi tal-UE bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, kif ukoll il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), inkluż ALMA (Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb) taħt il-Fond Soċjali Ewropew+ u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (NextGenerationEU), għandhom il-potenzjal li jkunu strumenti siewja għall-promozzjoni tad-djalogu interġenerazzjonali u l-inkoraġġiment tas-solidarjetà interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġh fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Proġetti bbażati fuq attivitajiet ta' volontarjat u solidarjetà huma prova ħajja tal-impenn taż-żgħażaġh li jkunu involuti b'mod attiv fi djalogu interġenerazzjonali u s-solidarjetà, fost affarijiet oħra.

⁵ Il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-Tixjiħ: Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet, COM (2021) 50 final, ĠU C 50, 27.1.2021, p. 21.

⁶ Rapport speċjali EURACTIV Golden years: Opportunities for Europe's ageing population, 22 ta' Ġunju 2022, b'referenza għal Edwards Lifesciences' Unifying Generations: Building the Pathway to Intergenerational Solidarity, 21 ta' Ġunju 2022.

9. Il-promozzjoni tal-ekwità interġenerazzjonali permezz ta' politiki relatati maż-żgħażaġh⁷ fil-livelli kollha hija rilevanti ħafna, speċjalment f'żoni rurali, remoti, periferiċi u inqas żviluppati u fir-reġjuni ultraperiferiċi. Il-proporzjon dejjem jiekien ta' ġenerazzjonijiet iżgħar fi Stati Membri differenti⁸ u l-"eżodu ta' mħuħ" jirrappreżentaw sfida serja għal ħafna minn dawn il-komunitajiet, fejn huwa kruċjali li tingħata prijorità oġhla lill-ekwità interġenerazzjonali billi jiġu fformulati politiki ta' appoġġ relatati maż-żgħażaġh⁹ biex tiġi żgurata l-koeżjoni.
10. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri¹⁰ jeħtieġ li tiġi żgurata meta tiġi ffaċilitata dimensjoni interġenerazzjonali fil-politiki relatati maż-żgħażaġh u meta tiġi pprovduta ħidma fost iż-żgħażaġh. Dan jeħtieġ sforzi mhux biss mill-gvernijiet, iżda wkoll mis-soċjetà ċivili inkluż l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, il-mexxejja taż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-media u s-settur privat.
11. Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ bħala l-akbar mekkaniżmu parteċipattiv għaż-żgħażaġh fl-UE u s-sistema ta' ġestjoni konġunta tal-Kunsill tal-Ewropa jipprovdu spazji għall-kunċettwalizzazzjoni tad-djalogu interġenerazzjonali bħala proċess li fih persuni ta' etajiet differenti jkollhom spazju għal riflessjoni u koproduzzjoni komuni. Matul il-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ fi Praga fil-11-13 ta' Lulju 2022, iż-żgħażaġh esprimew il-fehma li d-djalogu interġenerazzjonali ma għandux jissostitwixxi djalogu dirett taż-żgħażaġh ma' daww li jfasslu l-politika, iżda għandu jsir flimkien miegħu.

⁷ Il-politiki relatati maż-żgħażaġh huma politiki li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażaġh u li l-komponent integrali tagħhom huwa t-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien u l-opportunitajiet taż-żgħażaġh, flimkien ma' appoġġ għal possibbiltajiet uguali ta' parteċipazzjoni fil-ħajja ekonomika, soċjali u politika.

⁸ Nota ta' Politika tal-UNECE dwar it-Tixjiħ Nru 18, Marzu 2017.

⁹ Il-politiki ta' appoġġ relatati maż-żgħażaġh huma bbażati fuq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet taż-żgħażaġh u jindirizzaw aspetti differenti tal-politiki pubbliċi li mhumieq koperti minn dokumenti ta' politika aktar ġenerali, pereżempju l-benesseri, is-saħħa mentali, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-infrastruttura jew is-servizzi, eċċ.).

¹⁰ L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025 tipprovdi qafas għall-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tistabbilixxi l-oġettivi tal-politika u l-azzjonijiet ewlenin għall-perjodu 2020-2025. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, COM (2020) 152 final.

12. Huwa importanti li jiġi promoss id-djalogu kemm fost iż-żgħażaġh kif ukoll bejnhom u l-ġenerazzjonijiet akbar fl-età. Il-benefiċċji li jinġabru l-esperjenza u l-kompetenzi ta' ġenerazzjonijiet differenti huma sinifikanti u jikkontribwixxu għall-bini ta' soċjetajiet paċifiċi u koeżivi bbażati fuq ir-rispett reċiproku, l-empatija, is-solidarjetà u fehim tal-ħtiġijiet tal-gruppi tal-etajiet kollha.
13. L-involviment taż-żgħażaġh fi djalogu interġenerazzjonali u fi proġetti ta' solidarjetà interġenerazzjonali, inkluż attivitajiet ta' volontarjat, jippermetti liż-żgħażaġh jiksbu kompetenzi trasversali u ħiliet soċjali, li jistgħu jiġu applikati f'oqsma oħra ta' ħajjithom. L-involviment attiv ta' ġenerazzjonijiet differenti fid-djalogu interġenerazzjonali jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħiliet interpersonali u l-adattabbiltà reċiproka u jgħin biex jinbnew ir-reżiljenza u l-benesseri tas-soċjetà permezz tal-involviment soċjali, il-kultivazzjoni ta' konnessjonijiet soċjali u l-prevenzjoni tal-iżolament soċjali.
14. Il-promozzjoni tal-ekwità interġenerazzjonali permezz ta' approċċ olistiku u li jħares 'il quddiem lejn l-iżvilupp ta' politiki relatati maż-żgħażaġh tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali. Dawk li jfasslu l-politika appoġġati minn riċerkaturi, persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, professjonisti oħra¹¹ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jeħtieġ li juru impenn politiku qawwi biex jaġixxu fuq l-inugwaljanzi kemm fi ħdan kif ukoll bejn ġenerazzjonijiet differenti u jindirizzaw l-isfidi interġenerazzjonali. Hemm bżonn li jkollhom aċċess għal data u evidenza nazzjonali jew Ewropej eżistenti, diżaggregati skont l-età, li jimmonitorjaw l-inugwaljanzi bejn iż-żgħażaġh minn sfondi u kondizzjonijiet tal-għajxien differenti u bejn il-gruppi ta' età.

¹¹ Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, "professjonist ieħor" huwa mifhum li jfisser persuna, li normalment titqies - skont il-kuntest nazzjonali differenti - bħala mentor, edukatur, akkademiku, għalliem jew ħarrieġ, li tipprovdi struzzjoni jew taħriġ lil dawk li jfasslu l-politika, lil dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh u lill-voluntiera li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażaġh bl-għan li jkunu jistgħu jitgħallmu l-ħiliet li jeħtieġu għall-impjieġ jew l-attivitajiet tagħhom.

15. Dawk li jfasslu l-politika, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh inkluż il-kunsilli lokali taż-żgħażaġh, iż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-mexxejja taż-żgħażaġh, ir-riċerkaturi, l-educaturi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jeħtieġ li jikkunsidraw, fejn rilevanti, miżuri addizzjonali u approċċi innovattivi li jistgħu jlaqqgħu liż-żgħażaġh flimkien ma' gruppi ta' età oħra fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
16. L-eteroġeneità tal-ġenerazzjonijiet, f'termini ta' diversi karatteristiċi individwali u ta' grupp, inkluż il-kapaċitajiet mentali u fiżiċi, il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u l-identitajiet li jħaddnu, trid tiġi rispettata sabiex il-ġenerazzjonijiet kollha jkollhom opportunità ugwali li jgawdu parteċipazzjoni sħiħa u effettiva fi djalogu interġenerazzjonali fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwa l-ħajja personali, professjonali u soċjali tagħhom.
17. Huwa importanti li jiġu appoġġati l-ħaddiema li jaħdmu maż-żgħażaġh bi ħlas u b'mod volontarju fil-promozzjoni u l-implimentazzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-ħidma tagħhom. Jenħtieġ li l-educazzjoni u t-taħriġ ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh bi ħlas u b'mod volontarju fuq id-dimensjoni interġenerazzjonali jiġu adattati, fejn xieraq, biex jippromwovu s-solidarjetà u l-ekwità interġenerazzjonali meta tiġi pprovduta ħidma fost iż-żgħażaġh u fl-attivitajiet ta' volontarjat.
18. Għandu jiġi esplorat l-involviment tar-riċerkaturi fl-iżvilupp ta' miżuri strutturali fit-tul għall-promozzjoni tas-solidarjetà u l-ġustizzja interġenerazzjonali, pereżempju permezz tal-ġhoti ta' indikaturi rigward l-ekwità interġenerazzjonali jew permezz ta' pubblikazzjonijiet ta' riċerka perjodiċi li jeżaminaw l-ekwità interġenerazzjonali.

19. Inizjattivi innovattivi ta' djalogu interġenerazzjonali dwar l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali jistgħu jħeġġu liż-żgħażaġh Ewropej jiffaċilitaw l-involviment tal-pari tagħhom u ta' persuni akbar fl-età fit-tranżizzjoni diġitali. Inizjattivi bħal dawn, li għandhom l-għan li jsaħħu l-pożizzjoni tal-komunitajiet biex isaħħu l-ħiliet tagħhom ta' litteriżmu diġitali, jistgħu jnaqqsu s-solitudni tal-membri tal-komunità, jikkontribwixxu għall-benesseri tagħhom u jżidu l-inklużjoni soċjali tagħhom u b'hekk jgħinu biex jinbnew komunitajiet koeżivi.
20. Il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli, kif imsemmi fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-ħtieġa li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tiegħu, jinvolvi l-involviment attiv taċ-ċittadini ta' kull età fil-bini ta' komunitajiet sikuri, inklużivi u koeżivi. Ir-rikonoxximent soċjetali tad-diversi ħtiġijiet u responsabbiltajiet ta' gruppi ta' etajiet varji jista' jissaħħaħ permezz ta' avvenimenti u attivitajiet ta' volontarjat li jlaqqgħu flimkien rappreżentanti ta' gruppi ta' etajiet differenti, sabiex il-ġenerazzjonijiet iżgħar u akbar fl-età jingħataw l-opportunità li jinteraġixxu u jiskambjaw fehmiet dwar is-suġġetti assoċjati ma' Ewropa sostenibbli.
21. Il-fehim tad-diversità ġenerazzjonali għandu implikazzjonijiet importanti f'termini tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet interġenerazzjonali b'saħħithom u koeżjoni soċjali. Sabiex jiġi promoss id-djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet iżgħar u daww akbar fl-età, it-tfal għandhom jingħataw ukoll l-opportunità li jinvolvu ruħhom fi djalogu interġenerazzjonali, bil-ħsieb li tinħoloq esperjenza kondiviża ta' djalogu kostruttiv filwaqt li jiġu żviluppati r-rispett reċiproku u l-empatija minn età bikrija.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI FIL-LIVELLI XIERQA BIEX:

22. Iqajmu kuxjenza dwar il-kunsiderazzjonijiet ta' ekwità interġenerazzjonali fost dawk li jfasslu l-politika u jipprovdulhom l-evidenza, l-informazzjoni, id-data u r-riżorsi rilevanti oħra meħtieġa biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bbażata fuq l-età fit-tfassil tal-politika.
23. Jesploraw possibbiltajiet biex fl-istrateġiji u l-politiki għaż-żgħażaġh jiġu inklużi, fejn xieraq, objettivi u miżuri, li jirriflettu d-dimensjoni interġenerazzjonali. Dawn l-objettivi u l-miżuri għandhom jiġu żviluppati abbażi tal-għarfien, l-evidenza u l-prattiki tajba, u f'konsultazzjoni ma' gruppi varji ta' żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, sabiex jinkisbu eżiti ta' politika aktar reattivi u inklużivi.
24. Jippromwovu u jiffaċilitaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, il-kunsilli taż-żgħażaġh, u l-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh u l-parteeipazzjoni attiva u sinifikanti tagħhom fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali tal-politiki kollha relatati maż-żgħażaġh.
25. Jiffaċilitaw il-ħolqien ta' opportunitajiet u spazji aċċessibbli għaż-żgħażaġh biex jinvolvu ruħhom fi djalogu interġenerazzjonali sinifikanti fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi fl-oqsma kollha ta' politika li jaffettwaw haġġithom u l-benesseri tagħhom billi jimplimentaw miżuri mmirati li jippermettu l-involvement, b'mod partikolari, ta' żgħażaġh b'inqas opportunitajiet u gruppi sottorappreżentati ta' żgħażaġh.
26. Jesploraw modi biex jipprovdu spazju biex ilaqqgħu flimkien lil dawk li jfasslu l-politika, ir-riċerkaturi, dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh u ż-żgħażaġh sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw għodod ta' djalogu interġenerazzjonali bħal settijiet ta' għodod ta' djalogu interġenerazzjonali, u jiffaċilitaw l-aċċess ugwali għall-informazzjoni dwar kif l-ilħna taż-żgħażaġh jistgħu jinstemgħu permezz ta' opportunitajiet ta' djalogu interġenerazzjonali.

27. Jagħmlu użu mill-opportunitajiet ipprovduti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programmi Erasmus+ biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u taż-żgħażaġh li jgħinu fl-iżvilupp tal-volontarjat komunitarju billi joħolqu sħubijiet li jirriflettu d-diversità tal-komunità kollha u l-ħtiġijiet ta' ġenerazzjonijiet differenti.
28. Jesploraw possibbiltajiet fejn oqfsa eżistenti bbażati fuq il-kompetenza¹² għall-edukazzjoni, it-tagħlim u t-taħriġ formali u mhux formali tal-ħidma fost iż-żgħażaġh jistgħu jgħinu biex jirriflettu d-dimensjoni interġenerazzjonali fl-attivitajiet tal-ħidma fost iż-żgħażaġh.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGħHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, B'ADERENZA MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

29. Jesploraw l-użu ta' linji gwida, settijiet ta' għodod¹³ u mekkaniżmi eżistenti bħall-panels taċ-ċittadini¹⁴ biex jappoġġaw l-integrazzjoni tad-dimensjoni taż-żgħażaġh fil-politiki settorjali u b'hekk itejbu l-koerenza tal-politika, sabiex jipprovdut politiki u servizzi li huma aktar reattivi għall-ħtiġijiet taż-żgħażaġh.

¹² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2017)4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh.

¹³ OECD (2020), Governance for Youth, Trust and Intergenerational Justice: Fit for All Generations? OECD Public Governance Reviews, OECD Publishing, Paris or United Nations Youth Strategy, youth marker methodology, Youth 2030 Working with and for young people.

¹⁴ COM(2022) 404 final: Il-Panels taċ-Ċittadini jippermettu liċ-ċittadini jaħsbu b'mod konġunt dwar suġġetti rilevanti għalihom. Pereżempju, il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej kienu karatteristika ewlenija tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Kif kien il-każ f'din il-Konferenza, hemm bżonn li l-parteeipanti jintgħażlu b'mod aleatorju. Iżda hemm bżonn ukoll li jirriflettu d-diversità u d-demografija tal-Ewropa. Hemm bżonn li terz tal-parteeipanti jkunu żgħażaġh. Meta jkun xieraq, "rapport taċ-ċittadini" jiġi integrat fil-valutazzjoni tal-impatt, li jiġbor fil-qosor l-eżiti ta' dawn il-proċessi parteepattivi u deliberattivi. Meta l-parteeipanti kollha jkunu żgħażaġh, dan ikun magħruf bħala "test taż-żgħażaġh". L-ewwel waħda minn din il-ġenerazzjoni l-għdida ta' Panels taċ-Ċittadini ser titnieda fil-kuntest tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022.

30. Ikomplu l-użu ta' mekkaniżmi u pjattaformi parteċipattivi eżistenti, bħal sessjonijiet ta' simulazzjoni tal-parlament taż-żgħażaġh u djalogu ta' politika ma' dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u Ewropew biex jiġi promoss djalogu interġenerazzjonali bejn iż-żgħażaġh u l-partijiet ikkonċernati b'mandati ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha.
31. Jużaw in-networks u l-għodod eżistenti, inkluż il-Eurodesk u l-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ għall-promozzjoni ta' informazzjoni faċli għall-utent dwar id-diversi possibbiltajiet tal-UE għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti u inizjattivi li jappoġġaw id-djalogu interġenerazzjonali, is-solidarjetà interġenerazzjonali u l-ekwità interġenerazzjonali.
32. Jiffaċilitaw l-iskambju ta' Prattiki tajba li jkopru l-involviment konġunt ta' ċittadini iżgħar u akbar fl-età f'attivitajiet ta' solidarjetà kif ukoll fl-ippjanar tal-komunità, kif żviluppata fi programmi bħall-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u t-tagħlim tul il-ħajja permezz ta' għodod u pjattaformi eżistenti tal-UE, sabiex tiżdied il-koeżjoni soċjali fil-komunitajiet lokali.
33. Jorganizzaw attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, bħal seminars, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari jew forom rilevanti oħra ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati minn oqsma ta' politika differenti, iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh dwar il-promozzjoni tad-djalogu interġenerazzjonali, is-solidarjetà interġenerazzjonali u l-ekwità interġenerazzjonali.
34. Fi ħdan il-qafas finanzjarju u l-programmi eżistenti, jappoġġaw u, fejn possibbli, jesploraw l-istabbiliment ta' spazji u inizjattivi għaż-żgħażaġh. Sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, jippermettulhom jiżviluppaw u jipparteċipaw f'attivitajiet li jippromwovu d-djalogu interġenerazzjonali.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU
TAS-SUSSIDJARJETÀ BIEX:

35. Trawwem sinerġiji bejn il-politika taż-żgħażaġh u politiki u programmi oħra rilevanti għaż-żgħażaġh sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, inkluż l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ # 3 "Soċjetajiet inklużivi", u # 4, "Informazzjoni u djalogu kostruttiv", bil-miri ta' din tal-aħħar jinkludu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali kif ukoll l-involviment fi djalogu rispettuż u mhux vjolenti.
36. Tenfasizza r-rwol tal-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ fis-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li jiġu indirizzati kunsiderazzjonijiet interġenerazzjonali fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha.
37. Tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri dwar it-trawwim tad-djalogu interġenerazzjonali u s-solidarjetà interġenerazzjonali billi jagħmlu użu mill-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Wiki taż-Żgħażaġħ u l-programmi u l-inizjattivi tal-UE bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-Ewropa Kreattiva u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

JISTIEDNU LILL-ATTURI KOLLHA INVOLUTI FL-ATTIVITAJIET TA' KOOPERAZZJONI EWROPEA FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ BIEX:

38. Jippromwovu l-Jum Ewropew tas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet li ilu jiġi ċelebrat kull sena fid-29 ta' April mill-2009 u jipprovdi opportunità tajba għall-Unjoni biex iġġedded l-impenn tagħha għat-tisħiħ tas-solidarjetà u l-kooperazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet sabiex tippromwovi soċjetà ġusta u sostenibbli¹⁵.
39. Jistimulaw id-djalogu interġenerazzjonali sabiex jiġġieldu d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' età u l-etaiżmu billi jlaqqgħu flimkien gruppi ta' etajiet differenti u jippermettulhom isiru jafu lil xulxin aħjar, jitgħallmu minn xulxin u jikkooperaw fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.
40. Jagħmlu sforzi konġunti biex jimplimentaw l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4 billi jinvolvu ġenerazzjonijiet differenti permezz ta' attivitajiet konġunti mmirati lejn l-involviment tal-komunitajiet lokali fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni mmirata u l-kampanji ta' propaganda. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-programmi tal-litteriżmu medjatiku mmirati lejn il-bini tar-reżiljenza tas-soċjetà fid-dawl ta' kampanji mmirati ta' diżinformazzjoni u miżinformazzjoni jiġu evalwati u kkunsidrati għall-espansjoni kemm fl-edukazzjoni formali kif ukoll f'kuntesti ta' taġlim mhux formali. Dan huwa partikolarment importanti fil-kuntest ta' kampanji ta' diżinformazzjoni u miżinformazzjoni f'sitwazzjoni ta' kriżi bħal fil-każ tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna fl-2022.

¹⁵ Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012), ĠU L 246/5, 23.9.2011.

a) REFERENZI

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill ħadu nota tad-dokumenti li ġejjin:

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażaġħ madwar l-Unjoni Ewropea, ĠU C 157 (2022).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-trawwim tal-involvement fost iż-żgħażaġħ bħala faċilitaturi tal-bidla sabiex jitħares l-ambjent, ĠU C 159/07 (2022).
- Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, ĠU L 462, 28.12.2021.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġħ li jiffaċilitaw il-parteciċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġħ, ĠU C 501 1/04 (2021).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġħ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ĠU C 241/03 (2021).
- Il-Kummissjoni Ewropea, Green Paper dwar it-Tixjiħ: Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet, COM (2021) 50 final.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi, 6976/21(2021).

- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa, ĠU C 415/09 (2020).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti, ĠU C 193/06 (2020).
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ - Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 189, (2019).
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 456, (2018).
- Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012), ĠU L 246/5.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida Sbuħija, Sostenibbiltà, Flimkien, COM (2021) 573.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM/2021/142 final.

- Kunsill Ewropew dwar ir-Relazzjonijiet Barranin, nota ta' politika, Settembru 2021, Europe's invisible divides: How covid-19 is polarising European politics.
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, COM (2020) 152.
- Il-Kummissjoni Ewropea, Studju ta' mmappjar dwar id-dimensjoni interġenerazzjonali tal-isport: apport finali lill-Kummissjoni Ewropea, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020.
- Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
- Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'20 prinċipju.
- OECD, Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Ħolqien ta' Opportunitajiet Aħjar għaż-Żgħażaġħ OECD/LEGAL/0474, 10.06. 2022.

- Rapport tal-OECD, Governance for Youth, Trust and Intergenerational Justice: Fit for all Generations?, 22.11.2020.
- Rapport tal-OECD, Youth and Covid-19: Rispons, Irkupru u Reżiljenza, 11.06.2020.
- Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, SWD(2021) 305 final, 3.11.2021.
- United Nations, Youth Strategy Youth 2030: Working with and for young people.
- Deležan Tomaž, Derailing modern democracies: the case of youth absence from an intergenerational perspective, Annales, 2018.
- Deležan Tomaž, Intergenerational dialogue for democracy. International IDEA Discussion Paper 1/2017.
- Letter to EU institutions, Parents for Future in Europe, 12 ta' Ġunju 2020.

b) DEFINIZZJONIJIET TAL-KUNĊETTI EWLENIN GĦALL-FINI TA' DAWN
IL-KONKLUŻJONIJIET

"Il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fit-tfassil tal-politika taż-żgħażaġh u l-proviżjoni ta' ħidma fost iż-żgħażaġh" tfisser il-promozzjoni tad-djalogu interġenerazzjonali, is-solidarjetà interġenerazzjonali u l-ġustizzja/l-ekwiżità interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġh fi ħdan il-mandat tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019–2027 permezz ta':

- politiki transettorjali innovattivi dwar iż-żgħażaġh (pereżempju l-istabbiliment tad-dimensjoni interġenerazzjonali bħala waħda mill-prijoritajiet orizzontali, pilastri, jew għanijiet strateġiċi jew operazzjonali fid-dokumenti tal-politika dwar iż-żgħażaġh) li jrawmu d-djalogu fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex iż-żgħażaġh ikollhom vuċi uguali fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw lhom haġġithom, u b'hekk tiġi promossa d-diversità tal-età u l-ekwiżità tal-età fil-ħajja pubblika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew.
- l-arrikkiment tal-proviżjoni ta' ħidma fost iż-żgħażaġh bl-integrazzjoni tas-solidarjetà interġenerazzjonali u d-djalogu interġenerazzjonali fl-attivitajiet ta' ħidma fost iż-żgħażaġh u l-attivitajiet ta' volontarjat.

"Djalogu interġenerazzjonali" tfisser spazju jew opportunità parteċipattivi interattivi u sikuri li jlaqqgħu flimkien ġenerazzjonijiet iżgħar u akbar fl-età biex joħolqu għarfien kondiviż u esperjenza kollettiva. Dan jista' jitmexxa permezz ta' diversi mekkaniżmi (eż. sħarriġ, laqgħat, diskussjonijiet madwar mejda, panels taċ-ċittadini, fora jew kunsilli konsultattivi), bl-għan li jinkisbu livelli għoljin ta' ċittadinanza infurmata, teħid ta' deċiżjonijiet kondiviżi, u l-integrazzjoni tal-ekwiżità interġenerazzjonali, u l-prinċipji tal-ġustizzja fl-livelli differenti ta' governanza.

"Ugwaljanza interġenerazzjonali" tfisser l-għoti tal-istess livell ta' opportunitajiet u assistenza lill-gruppi ta' etajiet kollha fis-soċjetà. Dan jiżgura li l-gruppi ta' etajiet kollha jkollhom l-istess drittijiet u responsabbiltajiet.

"Ekwità interġenerazzjonali" tfisser ir-rikonoxximent li gruppi ta' etajiet differenti għandhom ħtiġijiet differenti u li jridu jsiru aġġustamenti għall-iżbilanċi. Il-proċess huwa kontinwu u jeħtieġ li jiġu identifikati u megħluba ostakli intenzjonati u mhux intenzjonati li jirriżultaw minn preġudizzju jew minn strutturi sistemiċi. Ekwità tfisser l-ġoti ta' diversi livelli ta' appoġġ u assistenza skont il-ħtiġijiet jew il-kapaċitajiet speċifiċi ta' gruppi ta' etajiet differenti. Dan jiżgura li l-gruppi ta' etajiet kollha jingħataw ir-riżorsi li jeħtieġu biex ikollhom aċċess għall-istess opportunitajiet.

"Ġustizzja interġenerazzjonali" tirreferi għal ġustizzja bejn il-ġenerazzjonijiet ibbażata fuq l-idea li l-kisba tal-benesseri mill-ġenerazzjoni attwali ma għandhiex tnaqqas l-opportunitajiet għal ħajja tajba u deċenti għall-ġenerazzjonijiet suċċessivi (Nazzjonijiet Uniti, 2013¹⁶). Fil-kuntest ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, il-ġustizzja interġenerazzjonali tiddeskrivi r-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet kontemporanji, jiġifieri bejn il-ġenerazzjonijiet iżgħar u daww akbar fl-età.

"Solidarjetà interġenerazzjonali" tirreferi għal appoġġ reċiproku u kooperazzjoni bejn gruppi ta' etajiet differenti sabiex tinkiseb soċjetà fejn persuni ta' kull età għandhom rwol x'jaqdu skont il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tagħhom u jistgħu jibbenefikaw mill-progress ekonomiku u soċjali tal-komunità tagħhom fuq bażi ugwali.

¹⁶ Nazzjonijiet Uniti, Intergenerational solidarity and the needs of future generations (Is-solidarjetà intergenerazzjonali u l-htigijiet tal-generazzjonijiet futuri), Rapport tas-Segretarju Ġenerali, A/68/322, 2013.

c) SOMMARJU TAR-RAPPORT FINALI DWAR IL-KONSULTAZZJONIJIET NAZZJONALI FL-AMBITU TAD-DISA' ĊIKLU TAD-DJALOGU TAL-UE MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:

Il-fażi ta' konsultazzjoni tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ (EUJD9) saret minn Jannar sa Awwissu 2022. Dan is-sommarju tar-riżultati tal-EUJD9 ikopri l-attivitajiet ta' konsultazzjoni mwettqa mill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, il-kontribut mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali Mhux Governattivi taż-Żgħażagħ li jipparteċipaw fl-EUJD9, u l-eżiti tal-Konferenza taż-Żgħażagħ EUJD9 fi Praga, ir-Repubblika Ċeka¹⁷. Ir-riżultati tal-ġbir ta' Prattiki tajba¹⁸ ta' nofs it-terminu huma inkorporati wkoll.

Riżultati tas-sottotema 1: "Informazzjoni u edukazzjoni"

Skont iż-żgħażagħ li pparteċipaw fil-konsultazzjonijiet, is-sorsi ta' informazzjoni u l-opportunitajiet biex jitgħallmu dwar it-tibdil fil-klima għandhom:

- ikunu adatti għaż-żgħażagħ, aċċessibbli u disponibbli f'firxa ta' formati u lingwi.
- juru r-rilevanza tat-tibdil fil-klima għall-ħajja ta' firxa varjata ta' żgħażagħ.
- ikunu komprensivi, affidabbli u infurmati mix-xjenza, ikopru firxa ta' suġġetti ambjentali u juru proċessi politiċi u żviluppi relatati mas-sostenibbiltà.
- jenfasizzaw ir-rabtiet bejn it-tibdil fil-klima u l-inugwaljanza, li ħafna żgħażagħ ma kinux konxji tagħhom fil-konsultazzjonijiet.

¹⁷ Konferenza taż-Żgħażagħ tal-UE EUJD9 fi Praga, ir-Repubblika Ċeka. Rapport Finali tal-Konferenza: Deliberations on Sustainability and Inclusion, 25 ta' Lulju 2022.

¹⁸ Rapport ta' Nofs it-Terminu tal-EUJD9. Good Practices and Consultation Processes, 30 ta' Ġunju 2022.

- imorru lil hinn mill-kondiviżjoni tal-informazzjoni u jimmiraw li jimmotivaw u jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh biex jaġixxu favur is-sostenibbiltà, inkluż permezz ta' azzjoni politika u billi jagħmlu għażliet ta' stil ta' ħajja sostenibbli.
- jevitaw "messaġġi apokaliptiċi" li jgħolqu sentimenti ta' nuqqas ta' tama, u jkollhom impatt fuq is-saħħa mentali taż-żgħażaġh.

Biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' taġġim dwar is-sostenibbiltà, għe ssuġġerit li l-iskejjel jintużaw aħjar, u li s-suġġett jiġi inkluż fil-kurrikuli taġġim. Għalkemm l-iskejjel kienu l-aktar forum issuġġerit għal dawn l-opportunitajiet, is-soċjetà ċivili, il-klabbs taż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-għodod diġitali u l-programmi bejn il-pari kienu wkoll fost l-ambjenti ta' taġġim ta' benefiċċju identifikati. Tqajmet il-ħtieġa ta' finanzjament għall-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh sabiex jiġu estiżi l-opportunitajiet ta' taġġim relatati mas-sostenibbiltà.

Riżultati tas-sottotema 2: "Azzjoni u awtonomizzazzjoni"

Opinjoni komuni fost il-parteċipanti tal-konsultazzjoni kienet li dawk li jfasslu l-politika u l-politiċi wrew nuqqas ta' azzjoni dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u dawk ambjentali, u li ż-żgħażaġh għandhom modi limitati ħafna biex iżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għal dawn is-suġġetti. Kien hemm sentimenti ta' nuqqas ta' fiduċja u skuntentizza fil-konfront tal-politiċi. Ħafna żgħażaġh, iżda mhux kollha, setgħu jidentifikaw varjetà ta' mekkaniżmi parteċipattivi disponibbli, (eż. protesti, petizzjonijiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili). B'mod ġenerali, madankollu, intqal li dawn il-mekkaniżmi kollha kienu qed jonqsu milli jgħibu bidla fis-sostenibbiltà, minħabba nuqqas ta' azzjoni minn dawk rilevanti li jfasslu l-politika. L-ebda tip speċifiku ta' mekkaniżmu ma għe identifikat b'mod wiesa' bħala aktar effettiv. Iż-żgħażaġh involuti fi strutturi formali, (eż. kunsilli taż-żgħażaġh, bordijiet konsultattivi) qalu li dawn l-istrutturi kellhom xi impatt meta inkorporati fit-tfassil tal-politika. Madankollu, ħafna żgħażaġh ma kinux konxji ta' dawn l-istrutturi. Intqal li l-opportunitajiet biex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jinżammu responsabbli għalihom jiġu mtejbja billi:

- dawk li jfasslu l-politika jimpenjaw ruħhom għal azzjoni aktar estensiva bbażata fuq l-eżiti tal-mekkaniżmi parteċipattivi.

- titjeb l-aċċessibbiltà tal-mekkaniżmi parteċipattivi, filwaqt li jiġi żgurat li dawn jiffukaw fuq it-tħassib ta' gruppi emarġinati kif ukoll kwistjonijiet ta' maġġoranza u jippermettu liż-żgħażaġh emarġinati jieħdu rwoli ta' tmexxija.
- jiżdied l-għadd ta' opportunitajiet għall-parteċipazzjoni dwar is-sostenibbiltà, speċjalment djalogu informali u regolari mar-rappreżentanti eletti.
- jiġu promossi u protetti l-kunsilli taż-żgħażaġh billi jiżdiedu r-riżorsi, jiġu stabbiliti aktar kunsilli lokali taż-żgħażaġh u jiġi żgurat appoġġ leġiżlattiv.

Riżultati tas-sottotema 3: "Governanza"

Il-Konferenzi taż-Żgħażaġħ tal-EUYD9 fi Franza u fir-Repubblika Ċeka u l-laqgħa ministerjali informali tat-22 ta' Jannar 2022 fi Strasburgu identifikaw tħassib miż-żgħażaġh dwar l-involviment tagħhom biss għall-apparenza - youthwashing. Iż-żgħażaġh li pparteċipaw fil-fażi ta' konsultazzjoni kienu inqas familjari mal-kunċett iżda spiss setgħu jirrikonoxxuh. Intqal li l-youthwashing huwa interazzjoni bejn il-politiċi jew dawk li jfasslu l-politika u ż-żgħażaġh li ma għandha ebda possibbiltà ġenwina li toħloq bidla politika, minkejja l-aspettattivi li tagħmel dan. Il-konsultazzjonijiet identifikaw li l-mekkaniżmi parteċipattivi jistgħu jnaqqsu l-youthwashing billi:

- iżidu t-trasparenza u l-viżibbiltà bl-ġhoti ta' informazzjoni ċara liż-żgħażaġh dwar il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tat-talbiet tagħhom u bl-iżgurar li l-impenji ta' dawk li jfasslu l-politika jiġu rreġistrati u promossi pubblikament.
- jagħtu segwitu u feedback liż-żgħażaġh dwar l-azzjonijiet meħuda minn dawk li jfasslu l-politika wara attivitajiet ta' parteċipazzjoni b'dawk li jfasslu l-politika jirrapportaw pubblikament dwar il-bidliet miksuba jew jiġġustifikaw in-nuqqas ta' bidliet miksuba sal-iskadenzi mogħtija, kif ukoll jinvolvu ruħhom fi djalogu kontinwu maż-żgħażaġh.
- jiżviluppaw rabtiet aktar konsistenti u aktar b'saħħithom bejn il-mekkaniżmi parteċipattivi u s-setturi ta' politika marbuta mas-sostenibbiltà.

Riżultati tas-sottotema 4: "Mobilità u solidarjetà"

Fil-konsultazzjoni, iż-żgħażaġh minn firxa varjata ta' sfondi emarġinati ġew mistoqsija x'jista' jippermettilhom jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' mobilità fl-UE kollha relatati mal-ambjent. L-ostakli finanzjarji jew l-ostakli finanzjarji perċepiti kienu kwistjoni ewlenija. Dawn kienu jinkludu spejjeż diretti, li ma jkunux jistgħu jieħdu pawża mill-impjieg jew li jirriskjaw li jtilfu l-assistenza soċjali. L-ostakli lingwistiċi u n-nuqqas ta' informazzjoni aċċessibbli dwar l-opportunitajiet ukoll kellhom rwol. Xi żgħażaġh qiesu l-opportunitajiet ta' mobilità tal-UE bħala mhux maħsuba għaż-żgħażaġh ġejjin mill-isfondi tagħhom. It-tendenza li tingħata attenzjoni lill-ħtiġijiet immedjati tal-ħajja jew kwistjonijiet lokali aktar milli suġġetti ambjentali wkoll kienet fattur. Iż-żgħażaġh ikkonsultati identifikaw il-ħtieġa li:

- jitnaqqas il-limitu għall-aċċess tal-opportunitajiet billi jitneħħew l-ispejjeż, jiġu offruti opportunitajiet għal żmien qasir (jumejn sa tlett ijiem), jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi, u jkun hemm konnessjoni diretta permezz ta' skejjel jew proġetti lokali.
- jiżdiedu l-finanzjament u l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet li jippromwovu proġetti ta' mobilità u solidarjetà.
- tingħata attenzjoni lill-inizjattivi ambjentali lokali li huma konnessi mal-komunitajiet taż-żgħażaġh emarġinati stess u li jaffettwawhom.
- jiżdiedu l-pubbliċità u s-sensibilizzazzjoni, inkluż it-twassil ta' opportunitajiet ta' mobilità konnessi mal-iskejjel kif ukoll permezz ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet, professjonisti u parteċipanti preċedenti li għandhom "rabtiet ta' fiduċja" maż-żgħażaġh f'ċirkostanzi emarġinati.
- jiġu enfasizzati l-benefiċċji personali tal-parteċipazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-impjegabbiltà u l-ħiliet tal-impjieg, u l-opportunitajiet isiru aktar attraenti.
- jiġi pprovdut appoġġ flessibbli, ta' kwalità għolja u professjonali li jkun kapaċi jissodisfa varjetà ta' ħtiġijiet differenti ta' aċċessibbiltà inkluż organizzazzjonijiet ta' riżorsi li jaħdmu maż-żgħażaġh f'ċirkostanzi emarġinati biex jappoġġaw opportunitajiet ta' mobilità ambjentali.

Riżultati tas-sottotema 5: "Aċċess għall-infrastruttura"

Il-limitazzjonijiet finanzjarji ġew identifikati bħala wieħed mill-fatturi ewlenin li jipprevjenu liż-żgħażaġħ milli jagħmlu għażliet ta' għajxien aktar sostenibbli. Il-parteċipanti kkonsultati appellaw għall-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli li tkun affordabbli għaż-żgħażaġħ. Ġie enfasizzat ukoll in-nuqqas ġenerali ta' infrastruttura fiż-żoni rurali. It-tipi ta' infrastruttura mitluba kienu jinkludu:

- trasport pubbliku affordabbli u mtejjeb flimkien ma' faċilitajiet aktar sikuri u aktar mifruxa għaċ-ċikliżmu, biex b'hekk isiru għażliet vijabbli meta mqabbla mal-karozzi.
- għażliet ta' akkomodazzjoni finanzjarjament aċċessibbli, peress li ż-żgħażaġħ qalu li l-ostakli finanzjarji kienu fattur ewleni li jagħmilha diffiċli għalihom biex iqisu s-sostenibbiltà meta jagħżlu l-akkomodazzjoni.
- spazji pubbliċi aktar ekoloġiċi u miftuħa u l-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli.
- għażliet affordabbli ta' ikel u konsum sostenibbli, inkluż ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid. Dan kien importanti għal ħafna żgħażaġħ iżda mhux prijorità għolja daqs suġġerimenti oħra.

Il-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ fi Praga identifikat rwol għall-politika taż-żgħażaġħ u s-settur taż-żgħażaġħ fl-appoġġ għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fl-oqsma ta' politika relatati b'mod aktar dirett mal-infrastruttura, bħat-trasport, l-akkomodazzjoni, l-ippjanar urban, l-enerġija u l-agrikoltura.

Riżultati tat-tema trasversali: Djalogu interġenerazzjonali

Il-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ fi Praga identifikat li s-sostenibbiltà u l-inklużjoni mhumiex "kwistjonijiet taż-żgħażaġh", iżda pjuttost kwistjonijiet li jaffettwaw lis-soċjetà kollha. Għalhekk, intqal li l-prattika t-tajba fit-tfassil tal-politika kienet teħtieġ djalogu interġenerazzjonali bejn il-ġenerazzjonijiet kollha. Ma kien hemm l-ebda domanda qawwija għal djalogu interġenerazzjonali fil-konsultazzjonijiet tal-EUYD9, iżda kien hemm xi livell ta' appoġġ meta s-suġġett ġie introdott liż-żgħażaġh parteċipanti. Intqal li d-djalogu interġenerazzjonali għandu l-potenzjal li:

- jilleġittimizza t-tħassib u l-isforzi taż-żgħażaġh dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u jibni r-rikonoxximent tagħhom.
- jibni solidarjetà u appoġġ reċiproku bejn il-ġenerazzjonijiet.
- jippromwovi t-tagħlim interġenerazzjonali u jippermetti liż-żgħażaġh jinfluwenzaw il-fehmiet tal-ġenerazzjonijiet akbar fl-età dwar is-sostenibbiltà.

Intqal li d-djalogu interġenerazzjonali ma għandux jissostitwixxi l-mekkaniżmi eżistenti għall-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh jew id-djalogu dirett bejn iż-żgħażaġh u daww li jfasslu l-politika iżda għandu jsir flimkien ma' dawn l-attivitajiet.
